MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Citazzjoni Numru. 299/2009

Kawza fil-lista: 21

**W Z T**
**vs**
**Y sive P J**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk: li l-partijiet izzewwgu fl-1 ta' Ottubru 1995, u minn dan iz-zwieg twieldu zewg t'itfal, U Z fl-20 ta' Awissu 1998, u E fis-16 ta' Jannar 2003; li fl-1 ta' Novembru 2005 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' separazzjoni personali; li l-konvenuta naqset milli tosserva l-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha riferribbilment ghall-kura u kustodja tal-minuri li llum jghixu mal-attur, u ma hi qed tivversa ebda manteniment ghal dawn il-minuri; li l-attur ottjena d-debita awtorizzazzjoni

sabiex jressaq l-istanza odjerna; ghalhekk qed jitlob li din il-Qorti:

[1] tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat b'dan illi l-kura u l-kustodja tal-minuri E u tal-minuri U Z tigi fdata esklussivament f' idejn l-esponent, b' dan illi l-intimata ikollha d-dritt t' access kif iffissat minn din l-Onorabbli Qorti;

[2] tordna illi l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat b'dan illi l-konvenuta tigi ordnata thallas dak il-manteniment iffissat minn din l-Onorabbli Qorti ghall-minuri U Z u E b'dan illi dan l-ammont ikun jinqata' direttament minn dak illi tippercepixxi mensilment il-konvenuta u jithallas direttament f' kont bankarju illi jigi indikat mill-esponenti, liema manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jaghlqu tmintax-il sena jew jibdew jahdmu *full-time*, liema minnhom tigi l-ahhar.

[3] tordna illi l-kuntratt ta' separazzjoni jigi emendat b'dan illi l-ispejjez medici kollha, inkluzi dawk ortodontici, l-ispejjez marbutin mal-edukazzjoni tat-tfal, inkluzi spejjez rigwardanti l-istituzzjonijiet edukattivi, kotba u affarijiet ohra relattivi, u l-ispejjez marbutin ma' *summer school* jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, b' dan illi kull parti trid taghti l-ircevuti lill-parti l-ohra bhala prova li l-ispiza giet tabilhaqq inkorsa;

[4] tahtar nutar sabiex jircievi l-att;

[5] tahtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-att jekk kemm-il darba wahda mill-partijiet tonqos milli tidher.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimata illi minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenuta eccepiet: li hi ghandha tibqa' zzomm il-kura u kustodja skont il-kuntratt; li t-tfal marru mal-attur ghax dan kien jonqos milli jhallasha il-manteniment skont il-kuntratt, u ghalhekk hi ma setghetx tibqa' zzommhom maghha; li t-tfal kienu maghha u mal-familjari taghha circa hames t'ijiem fil-

gimgha, u ghalhekk ma hemmx bzonn li titbiddel il-posizzjoni;  li l-esponenti ma tahdimx u m’ ghandha ebda introjtu;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet il-partijiet bil-gurament;

Semghet liz-zewg minuri kameralment;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob li din il-Qorti tvarja l-kuntratt tas-separazzjoni fuq indikat billi tafda f’idejh il-kura u kustodja taz-zewg t’itfal minuri tal-partijiet, bi dritt t’access favur il-konvenuta;  kif ukoll billi l-konvenuta tigi ordnata tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tfal li fil-prezent qed jghixu mieghu.

Min-naha taghha l-konvenuta teccepixxi li ma hemmx bzonn tibdil fil-i*status quo*, stante li, ghalkemm it-tfal jghixu mal-attur, huma jkunu maghha u mal-familjari taghha circa hames t’ijiem fil-gimgha. Inoltre, tghid li kienu t-tfal li ghazlu li jmorru jghixu mal-attur stante li hi ma kellhiex mezzi bizzejjed biex izzommhom peress li l-attur ma kienx jghaddilha l-manteniment, u fi kwalunkwe kaz, dan il-manteniment ma kiex adegwat. Tghid ukoll li hi mhijiex fil-pozizzjoni li tghaddi manteniment lill-attur ghat-tfal, stante li ma tahdimx u m’ ghandhiex introjtu.

**Fatti**
Illi permezz tal-kuntratt tas-separazzjoni fuq indikat, u senjatament fil-klawsoli 2[B] u 2[C], il-partijiet kienu ftehmu li l-kura u kustodja tat-tfal minuri ghandha tigi fdata f’ idejn il-konvenuta; filwaqt li l-attur kellu access liberu u ampju, li fil-kaz ta’ dizgwid bejn il-partijiet in propozitu, kellu japplika l-modalita’ t’access indikat fil-klawsola 2[C].

Il-partijiet ftehmu wkoll li l-attur kellu jghaddi lill-konvenuta manteniment ghat-tfal minuri s-somma ta’ LM20 [illum €50 ] fix-xahar ghal kull wild rivedibbli kull sena skont l-indici

tal-gholi tal-hajja; filwaqt li l-ispejjez relatati mal-edukazzjoni tat-tfal jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet; l-ispejjez ta' sahha u spejjez tal-attivitiajiet kurrikulari jithallsu esklussivament mill-attur.

Ftehmu wkoll li c-*children's allowance* u kwalunkwe bonus iehor li jinghataw ghall-minuri, jigu percepiti mill-konvenuta.

Illi jidher li maz-zmien l-arrangament dwar il-kura u kustodja tbiddel billi t-tifel U Z, f' Dicembru 2006, fuq xewqa tieghu, kien mar jghix mal-missier, filwaqt li t-tifel l-iehor E kien baqa' jghix mal-omm; sussegwentement anke dan il-wild mar jghix mal-missier f' Marzu 2008.

Min-naha taghhom il-partijiet jaghtu verzjonijiet kontrastanti ta' x'wassal lit-tfal sabiex marru jghixu mal-missier.

*Verzjoni Attur*
L-attur jispjega li, wara li l-partijiet sseparaw *de facto*, u precizament ghall-habta ta' Frar 2006, huwa skopra li martu kienet tqila minn ragel iehor. Sussegwentement weldet tarbija, u marret tghix mal-*partner* taghha, flimkien mat-tfal tal-partijiet.

F' Dicembru 2006, U Z, fuq xewqa tieghu, mar jghix ma' missieru, filwaqt li E baqa' jghix m'ommu. F'dan il-perijodu l-attur kien ihallas il-manteniment limitat ghal E biss. Maz-zmien il-konvenuta bdiet titlef l-interess f'U Z.

Fit-18 ta' Marzu 2008 il-konvenuta hallet lil E ghand l-attur, u ghalhekk dan waqaf ihallas il-manteniment ghal dan it-tifel. L-attur jghid li eventwalment il-konvenuta tilfet l-interess f'uliedha, u kienet tirrifjuta li zzommhom meta l-attur kien ikollu jsiefer minhabba x-xoghol tieghu. Dan jispjega li hu jkollu jsiefer gurnata fix-xahar, u ghalhekk kien ikollu jitlob l-appogg tal-habiba tieghu biex izzommlu lit-tfal.

L-attur jghid li llum it-tfal jghixu mieghu, u l-oneru finanzjarju waqa' kollu fuqu, stante li l-konvenuta ma tikkontribwixxi xejn f'dan ir-rigward.

Huwa ghandu salarju baziku nett fis-sena ta' €25,035, kif jirrizulta mill-istatement prezentat minnu ghas-sena 2009.[1] Filwaqt li qed jippretendi li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata eskluzzivament lilu, u l-konvenuta tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' uliedha fl-ammont ta' €400 fix-xahar ghal kull wild minuri.

*Verzjoni Konvenuta*
Il-konvenuta tispjega li wara s-separazzjoni hi kienet dahhlet f'relazzjoni mal-*partner* prezenti taghha, u minn din ir-relazzjoni twieled tifel li rrizulta li jbati mill-autizmu u li ghalhekk dan jirrikjedi hafna attenzjoni. Minhabba f'hekk ma setghetx tkompli tahdem, bir-rizultat li hi ma setghetx izzomm lit-tfal tal-partijiet maghha peress li l-manteniment stipulat fil-kuntratt, ta' LM20 fix-xahar ghal kull wild, kien inadegwat, u dan nonostante l-appogg tal-*partner* taghha u tal-genituri taghha. Ghalhekk it-tifel il-kbir kien ghazel li jmur jghix ma' missieru, u ssussegwentement anke z-zghir spicca jghix mal-attur.

Il-konvenuta takkuza lill-attur li huwa kien qatghalha access ghal uliedha mit-18 ta' Marzu 2008, u kien ukoll jimpediha li tkellimhom bit-telefon. Eventwalment l-access ghal uliedha beda jsir. Il-konvenuta tghid li meta t-tfal ikunu ghandha "nitmaghhom, nghinhom fl-iskola, noqghod bil-qieghda litteralment naghmel il-*homework* maghhom. Jekk ikollhom bzonn ta' xi haga immur nixtrilhom, imwarrab il-flus milli jaghtini l-*partner* tieghi ghalihom."[2] Tghid li meta kienet tistaqsi lit-tfal kienux hadu gost, huma qatt ma qalulha li ddejjqu. Tghid ukoll li huma jingiebu u jhobbu lil huhom iz-zghir.

Rigward il-pretensjoni tal-attur ta' hlas da ta' manteniment ta' LM80 [illum €186] kull xahar ghal kull wild, il-konvenuta tghid li hi ma tistax tahdem u m'ghandhiex introjtu. Hija

[1] Fol.74 *et seq.*
[2] Fol.143

tikkonferma li c-*children's allowance* ghadha tippercepih hi, ghalkemm it-tfal m'ghadhomx jghixu maghha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
***Kura u Kustodja***
Illi f' materja ta' kura u kustodja u access jipprevali l-principju li l-interessi tal-minuri huma supremi, u jigi qabel dawk tal-genituri. Fil-kaz in dizamina, din il-Qorti semghet liz-zewg minuri, u hi tal-fehema li x-xewqat taghhom huma konsonanti mal-interessi taghhom, u ghalhekk ix-xewqat taghhom ser ikunu determinanti ghar-rizoluzzjoni ta' dan l-aspett tal-kawza.

Ferm il-premess, il-Qorti tafda l-kura u kustodja esklussiva taz-zewg minuri f' idejn l-attur li ghandhu jiehu hsieb il-bzonnijiet kollha taghhom;  izda decizjonijiet importanti relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tat-tfal ghandhom jittiehed konguntivament bejn iz-zewg partijiet, jew bl-intervent tal-Qorti fil-kaz ta' dizgiwid.

Min-naha l-ohra l-konvenuta qed tinghata access ghaz-zewg minuri kif ser jinghad:  Kull nhar ta' **Tnejn** u nhar ta' **Erbgha** minn wara l-iskola sas-6.00pm, u kull nhar ta' **Gimgha** minn wara l-iskola tas-7.00pm.  Il-konvenuta ghandha tigbor lit-tfal mill-iskola, u tirritornahom wara l-access fid-dar residenzjali taghhom.  Inoltre l-konvenuta ghandha d-dritt li ccempel lit-tfal darba kuljum.

Wkoll il-konvenuta qed tinghata d-dritt li takkwista u tircevi kull informazzjoni mill-awtoritajiet tas-sahha u tal-iskola tat-tfal, ghal dak li ghandhom x'jaqsam mas-sahha u mal-edukazzjoni taghhom.

Il-konvenuta qed tigi ordnata li fil-gurnata li l-attur ikun kostrett li jsiefer fuq xoghol, hi ghandha zzom liz-zewg minuri, bi preavviz ta'sitt [6] ijiem.

Huwa opportun li din il-Qorti ssemmi li l-access tal-konvenuta zdied minn dak attwalment ezercitat, fuq rikjesta t-tfal li kkonfermaw ukoll ma' din il-Qorti li huma m'ghandhomx ilmenti mis-sieheb prezenti taghha.

***Manteniment***

Illi dan l-aspett tal-kawza pprezenta diffikuta' ghal din il-Qorti, stante li l-konvenuta, li kienet tahdem, waqfet millli tahdem meta l-ahhar wild taghha gie certifikat li jbati minn *autism*; u fix-xhieda taghha tghid li ma tistax tahdem peress li dan it-tifel li llum ghandu hames snin jirrikjedi hafna attenzjoni. Ghalhekk il-konvenuta ssostni li mhijiex fil-pozizzjoni li tikkontribwixxi finanzjarjament ghat-trobbija taz-zewg uliedha l-kbar li jghixu mal-attur.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, ghalkemm fir-risposta guramentata taghha l-konvenuta tghid li "m'ghandhiex introjtu"[3], fix-xhieda[4] taghha tghid li hi ghadha tippercepixxi c-*children's allowance* ghal dawn it-tfal nonostante li ma jghixux maghha.

Illi fit-tieni lok tosserva li, ghalkemm il-konvenuta ghandha wild iehor li jsofri minn certu dizabilita' ma jirrizultax li dan ma jattendix skola, u l-probabbilita' hi li anke dan it-tifel illum jattendi l-iskola kif jattendu tfal ohra b'kondizzjoni simili; u ghalhekk ma hemm xejn x'jimpediha milli tahdem *part-time* u tiggenra ntrojtu biex terfa' parti, ghalkemm zghira, mill-piz finanzjajru relattivament ghat-trobbija ta' U Z u ta' E, *in omagg* ghall-principju li r-responsabbilita' tal-wild taqa' fuq iz-zewg genituri.

Ferm il-premess, il-Qorti, tenut kont tal-introjtu san tal-attur, tenut kont li l-possibilita' tal-konvenuta li ssib xoghol *full-time* hija, f'dan l-istadju u fic-cirkostanzi, ristretta, tenut kont tal-fatt li t-tfal jghixu mal-missier filwaqt li jkunu ghand l-omm tlett darbiet fil-gimgha ghal numru ta' sieghat, hi tal-fehema li *rebus sic stantibus* il-konvenuta ghandha thallas lill-attur bhala manteniment ghat-tfal taghhom l-ammont ta' seba' u erbghin ewro [€70] fix-xahar ghal <u>kull wild</u> minuri, bl-awment annwali skont iz-zieda tal-gholi tal-hajja kif indikat mill-indici ufficjali. Dan il-manteniment jieqaf

[3] Fol.25
[4] Fol.163

hekk kif il-minuri jaghalqu t-tmintax-il sena, jew jibdew jahdmu bi qligh regolari u adegwat, liema jigi l-ewwel.

Il-Qorti tordna li l-konvenuta thallas dan il-manteniment lill-attur; izda dan l-obbligu jibda jiddekorri fi zmien xaharejn millum. Tordna wkoll li c-*children's allowance* u kull beneficju iehor relatat mat-tfal jigi percepit mill-attur.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Kura u Kustojda';
[2] tilqa' t-tieni talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';
[3] tilqa' t-tielet talba fis-sens fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment'; u tordna li l-kuntratt tas-separazzjoni jigi emendat f' dan is-sens;
[4] tilqa' r-raba u l-hames talba, u tinnomina lin-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler sabiex jippubblika l-att korrettorju fil-post, hin u data ndikati mill-istess nutar, u dan fi zmien xaharjen millum; tinnomina lill-Avukatessa Dottor Graziella J sabiex tidher ghal eventwali kontumaci.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------